2025/1781

4.9.2025

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1781

tad-29 ta' Awwissu 2025

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-aringa fiż-żoni 6b u 6aN; fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żona 5b għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2025.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-aringa fiż-żoni 6b u 6aN; fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żona 5b mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda, eżawrew il-kwota allokata għall-2025.

(3) Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Irlanda għall-istokk tal-aringa fiż-żoni 6b u 6aN; fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żona 5b għall-2025 imsemmija fl-Anness għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda jew irreġistrati fiha għandhom jiġu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tfittxija għall-ħut, tfigħ, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.

2. It-trażbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, iż-żamma fil-gaġeġ, it-tismin u l-ħatt l-art tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti għandhom jibqgħu awtorizzati għall-qabdiet li jsiru qabel dik id-data.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj).

3. Il-qabdiet mhux intenzjonati tal-ispeċi minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-art, u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Awwissu 2025.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Costas KADIS
Membru tal-Kummissjoni

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

ANNESS

Nru	08/TQ202
Stat Membru	L-Irlanda
Stokk	HER/5B6ANB
Speċi	Aringa (*Clupea harengus*)
Żona	6b u 6aN; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali ta' 5b
Data tal-għeluq	1 ta' Awwissu 2025